Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10171 — INEOS/Daimler/Mercedes-Benz Grand Prix)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 210/06)

1. Fis-27 ta' Mejju 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— INEOS Limited ("INEOS", Isle of Man),

— Daimler AG ("Daimler", il-Ġermanja),

— Mercedes-Benz Grand Prix Limited ("MBGP", ir-Renju Unit), bħalissa kkontrollata minn Daimler u Motorsport Invest Limited ("MIL", Guernsey).

INEOS takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' MBGP kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— INEOS: manifattur globali ta' petrokimiċi, kimiċi ta' speċjalità u prodotti taż-żejt,

— Daimler: il-manifattura u l-provvista ta' karozzi, trakkijiet, vannijiet u xarabanks kif ukoll servizzi finanzjarji li jinkludu l-finanzjament, il-kiri, l-assigurazzjoni u l-ġestjoni tal-flotta,

— MBGP: id-disinn, l-iżvilupp, il-manifattura, il-provvista, l-ittestjar u t-tlielaq ta' karozzi tat-tlielaq bil-magna Formula One fil-livell tal-FIA Formula One World Championships.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10171 — INEOS/Daimler/Mercedes-Benz Grand Prix

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.